KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**2 t'Awwissu, 2010**

**LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM**

It-tletin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 5 t' Awwissu, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-***2.00 ta' wara nofs in-nhar.*** Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

**AGENDA**

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Youth in Action
5. Kunsill taz-Zghazagh
6. Attivita' ghar-residenti mux originarjament min Ghajnsielem
7. Tender Lokalitajiet Sostenibbli
8. Gozo Biological Treatment Plant
9. Materji ohra

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tat-tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 5 t'Awwissu, 2010, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-sindku qal it-talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni tal-minuti:

   Korrezzjoni ta' Paragrafu 5: Ma dan il-paragrafu ghandu jizdied li s-Sur Camillieri f'kull laqgha tal-kunsill semma l-istat dizastruz tar-rampa tal-belvedere u biex jitnehhew il-planki li kienu pogguti fuq il-belvedere.

   Korrezzjoni ta' Paragrafu 10: Il-vers "Is-Sur Camilleri wera x-xewqa tieghu li jattendi ghal-din il-laqgha peress li kien suggeriment tieghu li ssir xi haga fuq Kemmuna" irid jigi jinqara "Is-Sur Camilleri wera x-xewqa tieghu li jattendi ghal-din il-laqgha peress li kien suggeriment tieghu li terga ssir il-festa fuq Kemmuna".

3. Approvazzjoni tal-minuti:

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

4. Korrispondenza

   - *Reserved Parking* – Transport Malta qeghda tissuggerrixi li ssir kaxxa ta' *reserved parking* ghall-*blue sticker holders* fi-Triq Hamri. Il-kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal dan, sakemm it-Transport Malta iggib l-approvazzjoni tar-resident fejn quddiem tieghu ser issir ir-reserved parking.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- Donazzjoni – il-kunsill ircieva *e-mail* biex jaghti donazzjoni b'risq Arka Foundation. Il-kunsill ammetta kemm jixtieq jghin lil-Arka Foundation, pero donazzjonijiet ma humiex permessi mil-Ligi u ghaldaqstant ma jistghux isiru.

- Transport Malta

  - *double yellow line* fit-Triq Malta kantuniera ma Triq Guiseppe Cauchi – approvata
  - *double yellow line* fit-Triq Mgarr kantuniera mat-Triq il-Moghdija – approvata
  - *clear bay* quddiem it-tarag tal-Gleaneagles – approvata
  - no heavy vehicles Triq Mgarr u Triq Borg Gharib - approvata

- Ghajn tal-Hasselin – il-kunsill ircieva risposta mill-Ministeru ghar-rizorsi u l-affarijiet rurali ghall-applikazzjoni tal-kunsill biex terga tigi mibnija l-Ghajn tal-Hasselin. Din l-applikazzjoni giet imnizla fuq lista riservata, izda minn diskussjonijiet li saru ma' l-Onor Chris Said, jidher li ser isir xi ftehim fuq il-fondi li ga nghataw, biex ikunu jistghu jiehdu ammont ta' fondi kull min applika u qieghed fuq ir-riserva. Is-sur Joe Camillieri issugerixxa li l-kunsill jibghat kopja ta' din l-ittra lil MEPA biex b'hekk nuruhom l-importanza tal-kaz u forsi jithaffef il-process biex johrog il-permess ghal din l-ghajn.

- Mepa - Is-Sindku ta' rendikont ta' l-*enforcements* u l-applikazzjonijiet godda minn-naha tal-MEPA dan l-ahhar.

5. Youth in Action Programm

Is-sindku spjega l-*email* li rcieva l-Kunsill mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-sindku qal li l-kunsill hareg l-avviz fuq il-bullettin, biex min hu nteressat japplika l-kunsill. Huwa kompla jghid li hadd ma applika u ghalhekk is-Sur Camilleri nnomina zewg persuni kif ukoll is-Sur Caruana nnomina persuna. Il-Kunsill baqa li sa l-ghada ghandhom javzaw lis-segretarju bil-konferma ta' min kien interessat.

6. Kunsill taz-Zaghzagh

Is-sindku spjega l-kuncett tal-funzjoni ta' dan il-Kunsill u l-prezenti approvaw li jitwaqqaf dan il-Kunsill.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

7. Attivita' ghar-residenti barranin

Is-sindku wera x-xewqa li l-kunsill jorganizza attivita` fejn ghaliha jigu mistiedna r-residenti barranin. Dan peress li huma issa saru jaghmlu parti mill-komunita` taghna u ghalhekk nkunu nafuhom aktar mill-qrib. Huwa kompla jghid li b'hekk inhegguhom ukoll li jaghtu l-ghajnuna kollha possibli lill-kunsill u jiddiskutu d-diffikultajiet li jiltaghqu maghhom kif ukoll jaghmlu s-suggerimenti taghhom. Is-sindku stqarr bid-diffikulta` li il-kunsill ikun jaf l-indirizzi ta' dawn il-barranin u ghalhekk heggeg lill-kunsilliera sabiex kull minn ghandu xi nformazzjoni fuq dawn il-barranin jghaddiha lill-kunsill. Is-sur Mercieca issuggerrixxa li mid-data ta l-invit naghtuhom z-zmien biex jilqghu l-istedina taghna. Kullhadd qabel ma dan.

8. Tender ghal-Lokalitajiet sostenibbli

Is-sindku rega fakkar li wara li l-kunsill kien ircieva €20,000 biex isir rapport fuq lokalitajiet sostenibbli kien wasal iz-zmien li nohorgu t-tender biex isir rapport dettaljat fuq dan is-suggett. Saru diversi suggerimenti mill-prezenti li huma mportanti li jidhlu wkoll f'dan ir-rapport li jinkludlu: arja mniggsa, edukazzjoni, *traffic management* fic-centru u barra mic-centru tar-rahal, holqien ta' passaggi fil-kampanja, aktar attrazzjoni ghal-postijiet turistici fir-rahal, skavar tat-tempji neolitici, zviluppar tal-masgar taht Chambrai f'*picnic area*, zvilupp fix-xatt l-ahmar, kemm ghad-divers kif ukoll ghal-pubbliku generali u skavar tax-xelters ta' zmien il-gwerra.

9. Sigar taz-Zebbug hdejn il-heliport

Is-Sur Mercieca issugerixxa li titnaddaf din il-parti b'gaffa. Is-sindku qal li qabel tkun tista titnaddaf b'gaffa din il-parti ghanda ssir spezzjoni fuq il-post u jittiehdu ritratti ghax sa fejn jaf hu jista jkun hemm xi cart rats f'din z-zona. Ghandna niehdu wkoll l-opinjoni tal-MEPA qabel ma jsir xi tip ta' xoghol fuq is-sit.

10. Ramel fit-Triq il-Bwier

Tinkiteb ittra lil Transport Malta biex jitnehha dak ir-ramel li tpogga hemm mill-kuntrattur li ghamel il-parti tat-Triq l-Mgarr.

11. Gozo Biological Treatment Plant

Is-sindku spjega kif hames rapprezentanti mill-Waste Serve ghamlu appuntament biex jiltaqghu mas-Sindku u s-segretarju ezekuttiv biex jiddiskutu dan il-kaz. Il-Waste Serve iddentifikaw madwar 23 sit f'Ghawdex fejn jista jsir dan l-impjant, u wara li kompla l-istudju gie deciz li l-ahjar sit hija dik 'Tal-Kus' fil-limiti tar-rahal tax-Xewkija hdejn s-Civic Amenity Site. Il-Waste Serve talbu biex issir laghqa mas-sindki u s-segretarji ezekuttiv tal-Kunsilli lokali t'Ghajnsielem, Sannat u Xewkija li qeghdin l-eqreb lejn dan il-progett, sabiex jispjegaw kif ser jigi jahdem dan l-impjant u x'impatt jista jhalli fuq dawn il-lokalitajiet. Is-Sindku qal li fid-diskussjoni r-rapprezentanti tal-Waste Serve spjegaw li fuq is-sit ta' dan il-progett kien sar studju fuq *environment impact assessment* u gie assikurat li bil-mod ta' kif kien ser jinbena dan il-progett ma kienx ser ikun hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-ambjent b'mod partikolari ghal dawn il-lokalitajiet. Huma issuggerew ukoll biex dawn il-Kunsilli jzuru l-Impjant ta' Sant Antnin li hemm Malta biex jaraw kif jahdem dan l-impjant ferm akbar minn t'Ghawdex. Is-sindku qal biex fuq talba tal-MEPA l-kunsill jaghti l-veduti tieghu fuq dan il-progett. Is-sindku qal li meta kien sar il-progett tat-tisfija tad-drenagg fil-limiti t'Ghajnsielem, mhux il-boghod minn dan il-progett, il-kunsill kien ghamel talba biex Triq il-Brieghen isir bit-tarmac peress li din kienet ser tibda tintuza hafna minn vetturi ta'daqs kbir. Dan sabiex ma ssirx hsara lill-wicc tar-raba bit-trabijiet li jhallu warajhom dawn il-vetturi. Is-sindku qal li ghakemm din it-talba kienet giet milqugha pero sal-gurnata tal-lum din it-triq baghqet ma saritx. Huwa kompla jghid li hu kien ta' l-opinjoni li wahda mill-proposti tal-Kunsill t'Ghajnsielem lill MEPA fuq dan il-progett tal-Gozo Biological Treatment Plant ghandha tkun dik li Triq il-Brighen ghandha tinghata t-tarmac immedjatament peress li kien ser ikun hemm access bejn l-Impjant tat-tisfija tad-drenagg u dak tal-Biological Treatment Plant. Din ghandha tkun inkluza fil-permess tal-MEPA bhala wahda mill-kundizzjonijiet. Fil-laghqa mar-rapprezentanti tal-Waste Serve is-sindklu ssuggerixxa ukoll biex isiru aktar tabelli minn naha tat-Triq Cordina (Rexy Restaurant) il-fuq, fejn dawn juru direzzjoni lejn l-impjant tac-Civic Amenity Site. Il-kunsilliera prezenti qablu ma dan kollu.

12. Miss Gozo for Miss Malta

Is-sindku qal li kellu laghqa ma' l-organizzatur ta' Miss Malta s-sur George Mangion sabiex ghal darba ohra bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u Ghajnsielem F.C terga` tittella s-serata tal-prezentazzjoni ta' Miss Gozo for Miss Malta. Id-data li kienet issuggerita ghal-din is-sena hi tal-11 ta' Settembru 2010. Is-sindku qal li din hi wahda mill-attivitajiet kulturali li jtellgha l-kunsill matul is-sena, li maz-zmien dahlet fil-kalendarju kulturali ghal Ghawdex. Il-prezenti qablu li din is-serata ghanda terga` tittella bhas-snin ta' qabel.

13. Attivita ta' tfal fil-Playing Field Amabile Cauchi

Il-kunsill iddecieda li jqassam flyers fid-djar tar-residenti t'Ghawdex kollu b'kollaborazzjoni ma Bubbles Kids Fair, biex flimkien mal-kunsill tigi organizzata din l-attivita ghat-tfal fil-Pjazza tad-Dehra, il-Hadd 12 ta' Settembru 2010.

14. Customer Care

- Triq Simerat – ilment li l-iskart jinhareg min kmieni filghodu. Is-sindku spjega li suppost dalwaqt jibdew il-green wardens biex jikkontrollaw dan l-affarijiet.
- Pjazzetta 10 ta' Dicembru – ammont kbir ta skart fuq karru – twahlet karta mill-wardenx biex dan il-karru jitnehha. Gie deciz ukoll li jekk jibqa dan l-abbuz ghandhom jitqabbdu zewg wardens ghassa u min jinqabad jehel il-multa.
- Triq Firilla Street – hafna storbju fil-hin tal-mistrieh minn kuntrattur tal-kostruzzjoni – inbaghat l-ilment lil-MEPA biex tiehu l-passi necessarji.
- Triq il-Gnien – issir rampa ta' garaxx. Il-kunsill ma approvax.
- Triq Firilla – isir yellow line faccata ta' garaxx li jintuza ghal-merkanzija. – tintbaghat ittra lir-resident biex igib kopja tal-permess tat-trade u tal-MEPA kif ukoll mir-resident tad-dar faccata.
- Triq Cordina ma Triq ix-Xatt l-ahmar – isir double yellow line – approvata
- Triq Hamri – skart ta' kontruzzjoni – tinkiteb ittra lis-sid tal-post. Jekk ma jitnehhiex tintbghat ittra lill-MEPA biex tiehu l-passi.

15. Ohrjan:

- Joe Camilleri
  - staqsa jekk inzammux minuti tul l-laqgha li kellna ma Dr. Chris Said. Is-Segretarju informatu li peress li l-laqgha kienet wahda informali, ma hassitx il-bzonn li jinzammu l-minuti.
  - Issuggerixxa li tintbghat kopja ta' l-ittra lill-Ministru ghal Ghawdex li l-kunsill ircieva min ghand it-Transport Malta rigward il-pelican lights fi-Triq Mgarr.

- issugerixxa li jitnehhew il-wires tad-dawl min quddiem ic-centru civiku – nitolbu quotation lill Enemalta

- Issugerixxa li issir id-devolution tal-floodlights tal-knisja. Il-kunsill jikteb lill-Enemalta.

- Issugerixxa li tintbaghat ittra lir-residenti fuq il-hin li jingabar l-iskart ta' kuljum

- Peter Caruana

  - Tinkiteb ittra biex isiru bollards quddiem il-bus shelter fit-Triq Mgarr biex jitnaqqas il-periklu

  - Talab jekk hemmx xi zvilupp fuq il-pjazza – is-Sindku qal li sar jaf mill-bullettin li tohrog il-parrocca kull gimgha fejn kien hemm miktub li l-kunsill parrokjali kien ser jiddiskuti l-progett tal-pjazza. Is-sindku ltaqa ma' l-avukata tal-Ministru u qaltlu li l-laqgha bejn il-Ministru u l-Arcipriet saret. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna minn ghand il-perit tal-Ministeru, Godwin Sultana, biex jaghmel ir-rapport ta' stima u proposti tad-disinn tal-pjazza minn naha ta' Arcipriet biex wara l-Kunsill ikun jista jiddiskuti u jaghmel is-suggerimenti tieghu fuq ir-rapport tal-perit. Is-Sindku qal li wara tkun tista ssir il-laghqa bejn il-Kunsill, u l-Arcipriet biex naraw naslux ghal xi kompromess fuq il-progett tal-pjazza. Is-Sindku rega` qal li qabel jigi ffinalizzat xi tip ta' ftehim bejn it-tlitt rapprezentanti l-kunsill ghandu jikteb lid-dipartiment tal-Gvern Lokali b'dan ir-rapport u l-proposti tal-kunsill sabiex jiehu l-veduti tieghu.

- Stephen Mercieca

  - Triq Dun Guzeppi Galea – is-Sur Charles Saliba qieghed jitlob li titqaxxar il-parti tat-Triq li hi mtebba biz-zejt u li skond hu zzomm l-ilma. Is-Sindku ma qabilx ma dan ghax dan barra li kien ser johloq precident, il-kunsill ma kienx responsabli minn dan iz-zejt. Is-Sindku qal li t-triq kien fiha pendil bizzejjed biex jaqleb l-ilma. Il-kunsill fuq talba simili li kienet saret qabel kien ssuggerixxa li tinhasel din il-parti tat-triq bil-power wash, izda ir-resident ma ridx. Il-kunsill qabel li jiprova jsib mezz kif titnaddaf.

  - Water culverts fit-Triq Chambrai u pjazza Independenza – jitrangaw bic-cement

  - Triq Dun Frangisk Mizzi – jinbena hajt tat- 8 filati – ncemplu lil-MEPA biex tiehu l-passi kontra s-sid ta' din l-art biex jinbena l-hajt minnu.

- Larry Buttigieg – Issugerrixxa li ssir laqgha bejn Transport Malta fuq Traffic management f'Ghajnsielem.

Il-laqgha ntemmet fit-4.46pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 2 ta' Settembru 2010, fil-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv